## 21 ta' Frar, 1990

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof.Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S, – President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A.Agius B.A.,LL.D.**

Edward Sullivan *et noe*

*versus*

Emmanuel Cachia *et noe*

**Soċjetà Ineżistenti – Kjamat In Kawża**

*Il-qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' kawża u tiddeċiediha fil-konfront ta' soċjetà ineżistenza. Il-kjamat fil-kawża huwa fil-ġurisprudenza tagħna konsidrat bħala konvenut u għalhekk l-appell għandu jitkompla fil-konfront tiegħu.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ.

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Frar, 1985 li biha laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kjamat fil-kawża u ċaħdet it-talbiet ta' l-atturi *nomine* bl-ispejjez kontra tagħhom;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' Edward Sullivan Limited ippreżentata fit-

22 ta' Frar, 1985, li biha interponew appell mill-imsemmija sentenza lil din il-Qorti;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' Edward u Harry Sullivan fil-kwalità premessa ppreżentata fl-1 ta' Marzu, 1985;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mill-verbal tat-2 ta' Mejju, 1989, il-Qorti rrilevat li mill-atti tal-proċess kien jirriżulta li s-soċjetà "Cachia & Bonnici" *"was struck off the list"*. Skond il-varbal tas-seduta tat-12 ta' Diċembru, 1989, jidher li ġie sottomess mid-difensur li l-konvenuti prinċipali kienu ġew imħarrka f'isem soċjetà kummerċjali li llum ma teżistix u li għalhekk din il-Qorti ma tista' tagħti l-ebda provvediment kontra s-soċjetà. Il-kawża tħalliet għad-deċiżjoni fuq dan il-punt;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tal-proċess jirriżulta li fid-29 ta' Jannar, 1977, ir-Reġistrar of Partnerships kien ġie avżat per mezz tal-Form B li s-soċjetà Cachia & Bonnici kienet ġiet xolta fl-istess data tad-29 ta' Jannar, 1977 (fol.71). B'*covering letter* ta' dik in-nhar stess (fol.70) li kienet takkompanja l-imsemmija Form B, ir-Registrar of Partnerships kien ġie wkoll informat li "*all the liabilities of the said partnerships with third parties have been settled accordingly*' u li "*the books of such partnership were entrusted to Mr. Joseph Bonnici*". Jirriżulta wkoll minn avviż pubblikat fil-Gazetta tal-Gvern u li jinstab a fol.69 tal-proċess

li "*the name Cachia & Bonnici*" with a registered office at 22, Flagstone Wharf, Marsa, was struck off the registrar on the 9th day of February, 1977. Fl-istess fol.69 hemm il-kliem bil-linka "*Published on 1.3.77*". Il-Qorti ivverifikat dan u sabitu korrett;

Jidher għalhekk li l-imsemmija sottomissjonijiet li s-soċjetà kummerċjali llum ma teżistix aktar hija korretta. Huwa ovvju li l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' kawża u tiddeċidiha fil-konfront ta' soċjetà ineżistenti, u ċjoè kontra l-konvenuti Emanuel Cachia u Joseph Bonnici eżerċenti l-kummerċ taħt isem id-ditta "Cachia and Bonnici";

Għandu jiġi osservat li quddiem l-ewwel Qorti kien ġie kjamat fil-kawża Joseph Bonnici u li l-appell ta' l-atturi *nomine* sar ukoll fil-konfront tiegħu. Il-kjamat fil-kawża huwa fil-ġurisprudenza bħala konvenut u għalhekk l-appell għandu jitkompla fil-konfront tiegħu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-appell ta' l-atturi nomine inkwantu dirett kontra l-imsemmija "Emanuel Cachia u Joseph Bonnici eżerċenti l-kummerċ taħt isem id-ditta "Cachia and Bonnici" bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti nomine u tiddiferixxi l-kawża għas-smigħ ta' l-appell fil-konfront tal-kjamat fil-kawża għall-14 ta' Marzu, 1990.